MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2014

Rikors Numru. 315/2014

**Avukat Antonio Depasquale (382077(M)) bhala madatarju specjali tas-socjeta` Aquilo S.A.**

**vs**

**World Match Limited (C31187)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` *World Match Limited* fil-15 ta' April 2014 li permezz tal-istess, *ai termini* tal-Art. 836*(1)(a)(b)(d) u (f)* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, talab ir-revoka tal-Mandat premess kif ukoll li jigi applikat penali skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(a)(b) u (d) tal-istess Kap.12.

Rat id-Digriet taghha tas-17 ta' April 2014 fejn ordnat lir-rikorrent odjern sabiex jesibixxi kopja tal-Mandat impunjat Numru 560/14, u ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti li kellu sebat (7) ijiem biex iwiegeb u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghas-6 ta' Mejju 2014.

Rat ir-risposta ipprezentata mis-socjeta` rikorrenti fid-29 ta' April 2014.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2014 fejn laqghet it-talba tal-intimat sabiex il-proceduri jinstemghu bil-lingwa Ingliza. Deher Alessandro Fried ghas-socjeta` rikorrenti assistit mill-Avukat Ivan Gatt filwaqt li l-Avukat Dottor Antonio Depasquale deher ghas-socjeta` ezekutanti.

Rat l-atti, semghet ix-xhieda kif ukoll it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ir-rikors gie differit ghal digriet kamerali.

Rat id-Digriet taghha tas-16 ta' Mejju 2014 fejn irrevokat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2014 *in parte* u ordnat li d-Digriet finali jigi ippubblikat fil-lingwa Maltija.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi permezz tal-proceduri odjerni, ir-rikorrent qed jitlob ir-revoka ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li nhareg kontrih fl-ismijiet "***Av Antonio Depasquale bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Aquilo S.S. v World Match Limited"*** fil-11 ta' April 2014 (Nru. 560/14 LSO*)*. Il-kawzali dikjarat fil-Mandat, li intalab in kawtela tal-ammont komplessiv ta' sittin elf ewro (€60,000) hija mfissra hekk:-

"*Tlett pagamenti ta' ghoxrin elf ewro (€20,000) l-wiehed, b'kull pagament rapprezentanti l-ammont minimu dovut kull sena ghal dawn l-ahhar tlett snin lill-kreditur skont ftehim dwar servizz ta' licenzjar, uzu u marketing datat is-7 ta' Mejju 2007."*

Ir-rikorrent odjern qed jitlob ir-revoka totali tal-mandat u l-imposizzjoni ta' penali kontra l-ezekutant peress li ssostni li s-socjeta` intimata odjerna kienet accettat li r-relazzjoni legali kummercjali bejn iz-zewg socjetajiet, naxxenti mill-ftehim tas-7 ta' Mejju 2007, m'ghadux jezisti. Tghid li hi ttrasferiet id-drittijiet u obbligi taghha skont dak il-ftehim lis-socjeta` *Play Match Limited* fil-11 ta' Dicembru 2007 (Ftehim esebit bhala **DOK.A)** liema cessjoni giet komunikata lill-*Aquilo S.A.* **(Vide** Ittra **DOK.B.)** u accettata mill-istess *Aquilo S.A*. peress li harget *invoices* relatati mal-kuntratt tas-7 ta' Mejju 2007 lis-socjeta` *Play Match Limited* (***DOK.C).***

Dwar il-kap tad-danni, is-socjeta` rikorrenti tilmenta li ma tkunx tista’ tkompli topera fid-dmirijiet u transazzjonijiet kummercjali taghha ta' kuljum ghaliex ser tbaghti minn problemi ta' *cash flow* irreparabbli jekk il-mandat jibqa' fis-sehh. Dan ser ikollu effetti negattivi mhux biss fuq ir-reputazzjoni kummercjali taghha imma anke fuq il-licenzji taghha.

Is-socjeta` intimata oggezzjonat ghal dawn it-talbiet. Tghid li dejjem baqghet titlob direttament minghand *World Match Limited* il-hlas dovut lilha skont ftehim dwar servizz ta' licenzjar, uzu u *marketing* iffirmat bejn il-partijiet, datat is-7 ta' Mejju tas-sena 2007 (ara zewg ittri ufficjali, wahda datata d-29 ta' Novembru tas-sena 2012 (**DOK AQC)** u ohra datata s-26 ta' Settembru tas-sena 2013 (**DOK AQD)**;

Inoltre s-socjeta` ezekutanti tistrieh partikolarment izda mhux limitatament fuq il-klawsoli segwenti stipulati bejn il-kontendenti fil-ftehim taghhom tas-7 ta' Mejju 2007**(DOK AQB)** li jiddisponu hekk:

***"Art. 7 - Durata***

*Il prezente contratto diverra` efficace a far data dalla sua sottoscrizione e rimorro' in vigore a tempo indeterminate sino o che uno delle Parti non ne dia disdetta con comunicazione scritto da inviarci all’ altro Parte con almeno 6 (sei) mesi di preavviso." -* Dwar din il-klawsola ssostni li s-socjeta` *World Match Limited* imkien ma uriet li tterminat dan il-ftehim bejn il-partijiet u ghalhekk ma hemm l-ebda raguni valida ‘l ghaliex dan il-ftehim ghandu jitqies li m'ghadux *in vigore* bejn il-partijiet sal-gurnata tallum.

***"Art. 9 - Obbligo di Segretezza***

*Ciascuno Parte sara' tenuta ad un obbligo di confidenzialita` relativamente a tutte le informazioni o documentazione, di natura tecnica, commericale od industriale relative all'altra Parte delle quali divesse venire a conoscenza o in loro possesso in regione del prezente contratto. Ciascuna delle Parti si impegno altresi a non divulgare tali informazioni a soggetti terzi, sia durante che dopo la volidita del contratto."*

***"Art. 11 - Comunicazioni***

*Ogni comuncazione tra le Parti, relative al prezente contratto ed ogni modifica dello stesso, dovro' avvenire in forma scritta e dovra essere invista a mezzo fax alla sede sociale dell'altra parte."*

***"Art. 13 - Clausole Finali***

*(13.7) Nessuna delle Parti sara' autorizzata a trasferire, cedere od in alcun modo disporre dei diritti o obbligazioni nascenti dal prezente contratto, senza il previo consenso scritto dell' altra."*

Dwar din l-ahhar klawsola is-socjeta` ezekutata irribattiet li ghalkemm ir-rikorrent odjern informaha bic-cessjoni, ma inghatax l-accettazzjoni taghha mehtiega skont l-istess ftehim.

Inoltre hemm ftehim iehor vigenti bejn il-kontendenti datata it-8 ta' Mejju 2007 li juri l-garanzija ta' hlas *da parte* tas-socjeta` *World Match Limited*

lis-socjeta` Aquilo S.A. f’kaz illi s-socjeta` *World Match Limited* kellha tittermina l-ftehim tas-7 ta' Marzu tas-sena 2007,**(DOK AQE).**

**Relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-kontendenti**

Jirrizulta mill-provi esebiti li fis-7 ta' Mejju 2007 il-partijiet iffirmaw *Contratto di Licenza di Marchio* (**DOK AQB)** fejn *inter alia,* s-socjeta` rikorrenti akkwistat id-dritt esklussiv li topera l-markju appartenenti lis-socjeta` Aquilo S.A. permezz ta' servizzi li toffri ta' *online gaming,* debitament licenzjati, f'Malta *verso* l-hlas ta' percentwali lid-ditta proprjetarja. Il-kuntratt hu regolat bil-Ligi Maltija.

B'zieda mal-klawsoli citati mis-socjeta` intimata fir-risposta taghha, il-klawsola **13.2 t**ghid hekk:

"*La circostanza che una delle parti non faccia in qualsiasi momento valere i diritti riconosciutile da una o piu' clausole del prezente contratto non potra' essere intesa come rinuncja a tali diritti, ne' impedira' alla stessa di pretendere successivamente la rigorosa applicazione di ogni e qualisasi clausola contrattuale."*

Bi ftehim iehor tat-8 ta' Mejju 2007 **(DOK AQE)** is-socjeta` *World Match Limited* iggarantiet il-hlas ta' massimu ta' mitejn elf euro (€200,000), valur tal-investiment maghmul, favur *Aquilo S.A.* f'kaz li tittermina l-ftehim f'rizarciment ghad-danni.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT</u>**

**Ikkonsidrat** li min iressaq talba *a tenur* tal-artikolu **836 (1) tal-Kap.12** tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jitlob ir-revoka *in toto* jew *in parte* ta' att kawtelatorju, hu obbligat li jsostni t-talba tieghu skont xi wahda mir-ragunijiet li huma elenkati fil-paragrafi (a) sa (f) tal-istess **Artikolu 836(1**).

Hu pacifiku li l-ezami li trid taghmel il-Qorti hu dak biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu kollu jigi trattat u deciz fil-kawza bejn il-partijiet. Ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju, tenut kont li *si tratta* dejjem ta' procedura preliminari li ghadha qieghda tistenna l-ezitu finali tal-kawza dwar il-mertu. (Ara s-sentenza fl-ismijiet "***Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut"*** datata 5 ta' Ġunju 2003 kif ukoll PA RCP –deciza fis-7.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet "***Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd***.")

Ghalhekk, hija l-fehma tal-Qorti li m'huwiex mehtieg li tifli fil-mertu l-kwestjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, liema ezercizzju huwa mholli meta din il-Qorti tisma' l-kawza fil-waqt xieraq. Hu ovvju li l-intimat, la darba ottjena l-hrug tal-att kawtelatorju in kwestjoni, ghandu jassumi r-responsabbiltajiet kollha u l-konsekwenzi kollha skont il-ligi anke fil-konfront tal-rikorrenti odjerni. F'dawn il-proceduri huwa r-rikorrent li ghandu jipprova "*prima facie*" li l-att kawtelatorju in kwestjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dan a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrent.

Ir-raguni moghtija ghar-revoka *in toto* jew *in parte* ta' mandat kawtelatorju fir-rikors odjern huma dawk indikati fis-subartikoli **836(1)(a)(b)(d) u (f)**.

**<u>Art. 836(1)(a).</u>**

L-**art 836(1) (a) jiddisponi hekk:-**

*"(a) li l-att kawtelatorju m'għadux iktar fis-seħħ"*

Ir-rikorrent ma gab l-ebda prova dwar din il-kawzali u ghalhekk mhiex qed tigi akkolta.

**Art. 836(1)(b)**

Ir-raguni skont l-**Art.836 (1) (b**) hi: "*li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti".*

Ikkonsidrat li din id-dispożizzjoni, skont il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun naqset wara li nħareġ l-att.

Illi minn dak li għandha quddiemha l-Qorti f'dawn l-atti, jidher li taħt din il-kawżali l-ilment tal-ezekutat mhuwa indirizzat lejn ebda wiehed minn dawn ir-ragunijiet.

"*Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu* ***(b) tal-artikolu 836(1)*** *trid li mandat ikun inhareg sewwa u, f'xi waqt, tkun*

*intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh"*[1]. Fil-kaz odjern, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nhareg il-mandat imsemmi minhabba li ma kienx hemm gja relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.

Illi, ghalhekk, il-Qorti ma ssibx li tista' tilqa' t-talba tar-rikorrent fuq din il-kawzali.

**Art. 836(1)(d) u 836(1)(f)**

Illi fis-sentenza "***Av. Carmelo Castelli noe vs Focal Maritime Services et."*** datata s-26 ta' April tas-sena 2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet hekk:

*"Skont l-**artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant"*;

Illi l-Prim'Awla tkellmet b'iktar preċiżjoni dwar is-subartikolu 836(1)(d) fil-kaz fl-ismijiet "***Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea"*** tad-29 ta' Lulju 2005:

[1] ***"Therese Mangion Galea v Desmond Stanley Stewart"****P.A.JRM - dec. fid-29.7.2005.*

*“L-***artikolu 836(1)(d)** *jiddisponi li mandat kawtelatorju jista’ jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m’huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta’ Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t’għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta’ pretensjoni (dak li f’oqsma oħra ta’ dritt jissejjaħ il-“fumus juris” tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex “jillikwida” tali pretensjoni f’somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m’għandu qatt jinsa f’dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m’għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b’leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti.*

*Biex ammont imsemmi f’att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t’għajn bħala wieħed magħmul b’mod ażżardat”*.

Illi l-ammont likwidat fil-mandat mhuqiex ikkontestat. Li hu kkontestat huwa r-rabta bejn il-kontendenti peress li r-rikorrent odjern jghid li m'ghadux id-debitur tas-socjeta` ezekutanti *stante* cessjoni tad-drittijiet u obbligi tieghu lill-terzi.
Fir-rigward tas-subartikolu 836(1)(f)  sabiex issir l-analiżi mehtiega wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-Mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn kliem il-liġi stess joħroġ ċar li sabiex jitwarrab mandat (jew parti) abbażi ta’ dan is-subartikolu hu meħtieġ li jkun hemm bidla sostanzjali fiċ-ċirkostanzi mid-data tal-ħruġ tal-Mandat;

Illi tant hu hekk li fis-sentenza succitata fl-ismijiet "***Stanley vs Galea"*** il-Qorti fl-analiżi tagħha tas-subartikolu **836(1)(f)** iċċitat il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta’ Mandat:

*“Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista’ toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta’ dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta’ dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu”*;

**<u>Applikazzjoni tal-Principji Enuncjati ghall-Fatti tal-kaz in ezami</u>**

Il-Qorti ser tikkonsidra t-talbiet tar-rikorrenti fid-dawl tas-subartikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti l-qofol tal-kwistjoni hija jekk il-ftehim bejn *World Match Limited* u *Play Match Limited* iffirmat fil-11 ta' Dicembru 2007 jorbot ukoll lis-socjeta` *Aquilo S.A.* jew jekk jibqax fir-relm ta' *res inter alios acta* u jibqghu validi u vigenti r-relazzjonijiet kummercjali miftehma bejn il-kontendenti attwali skont il-ftehim taghhom tas-7 ta' Mejju 2007.

Is-socjeta` rikorrenti invokat id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1469 *et sequitur* tal-Kap.16** tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola c-cessjoni ta' krediti u jeddijiet ohra u l-effetti tac-cessjoni *vis-a-vis* terzi, inkluzi l-kredituri. Hija ssostni li tali notifika saret u sahansitra giet implimentata mis-socjeta` Aquilo S.A. peress li din baghtet *invoice* lill-*Playmatch Limited* ***(DOK C).*** B'hekk *Aquilo S.A.* irrikonoxxiet lill-*Playmatch Limited* bhala d-debitur gdid taghha minflok *World Match Limited.*

Madanakollu l-kuntratt redatt bejn il-kontendenti jaghmilha cara li ghandu jkun hemm accettazzjoni da parti ta' *Aquilo S.A.* senjatament "*il previo <u>consenso scritto</u>",* liema kunsens bl-iskritt ma inghatax. L-istess artikolu

(13) tal-kuntratt jiddisponi in effetti, *inoltre,* li tali kunsens ma jistax jigi desunt minn nuqqas ta' azzjoni da parti tal-kontraenti.

Hu pacifiku li r-rikorrent f'talba ghar-revoka ta' mandat validament mahrug ghandu jipprova l-kaz tieghu fuq bazi *prima facie*. Il-fatt li *Aquilo S.A.* irrilaxxjat *invoice* lill-*PlayMatch Limited* meta l-kuntratt stess jiddisponi xort'ohra, ma jistax, fuq basi semplicement *prima facie,* jezonera lill-*World Match Limited* mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha. Id-disposizzjonijiet kontrattwali ghandhom l-effett ta' ligi bejn il-kontraenti u fil-kaz odjern, ir-rikorrent ma gabx prova soddisfacjenti sabiex il-kliem testwali tal-kuntratt, li jirrikjedi kunsens bil-miktub a priori, jigu skartati.

Dwar dan il-punt, Alessandro Fried xehed in kontro ezami:-

**"Dr. Antonio Depasquale : -**

*So you have no written confirmation or possibly even by email confirming acceptance of the transfer of the obligations of World Match to Play Match.*

**Witness - Alessandro Fried : -**
*For explicit written confirmation not; implicit yes."*[2]

Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddetermina l-kwistjoni fil-mertu, u tqies li d-determinazzjoni tar-responsabbilta' *o meno* tas-socjeta` rikorrenti lejn is-socjeta` ezekutanti hija wahda ta' interpretazzjoni tal-kuntratt, ta' prova dwar rinunzja ta' drittijiet taht il-kuntratt, u tal-effetti tac-cessjoni *vis-a-vis Aquilo S.A.* bhala socjeta` kreditrici - li huma kollha kwistjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kaz. Certament il-kliem testwali tal-kuntratt, specjalment il-klawsoli 13.1 u 13.2 ghandhom jinghataw piz bl-applikazzjoni tal-principju fondamentali *pacta sunt servanda* f'dan l-istadju preliminari ta' investigazzjoni gudizzjarja.

[2] Xhieda dattilografata - seduta tas-6 ta' Mejju 2014 f'pagna 7.

Ghal dawn il-motivi, it-talbiet dedotti mis-socjeta` rikorrenti ghar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ser jigu michuda.

**Penali u Danni**

Illi saret talba wkoll sabiex is-socjetajiet intimati jigu ikkundannati ihallsu penali abbazi tal-**artikolu 836 (8) (a)(b) u (d) tal-Kap. 12**

**L-art. 836 (8)** tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:-

*“(8) Il-Qorti tista’ tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta’ mhux anqas minn hames mitt lira (€1164.68) u mhux izjed minn tlett elef lira (€6988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f’kull kaz minn dawn li gejjin:*

*(a) jekk ir-rikorrent ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut għat-tneħħija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiġġustifika li l-att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b’xi mod talab lill-konvenut li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed:*

*Iżda d-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu ma għandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm raġunijiet ta’ urġenza għall-ħruġ tal-mandat;*

*d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b’malizzja,tkun frivola jew vessatorja."*

Is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova jew sottomissjoni dwar is-subinciz (a) u din il-Qorti ser tqies li dan ma giex ippruvat.

Rigward is-sub-inciz (b), is-socjeta` intimata esebiet kopji ta' zewg ittri ufficjali datati rispettivament id-29 ta' Novembru 2012 u is-26 ta' Settembru 2013 (**DOKTI AQC u AQD)** fejn interpellat lis-socjeta` rikorrenti ghall-hlas. Ghalhekk ir-rekwiziti ghall-applikazzjoni ta' dan is-subinciz ma gewx ippruvati.

Riferibbilment ghas-sub-inciz (d) is-socjeta` kreditrici agixxiet in forza ta' drittijiet kontrattwali. Ghalhekk ma jistax jinghad  lanqas minimament u mad-daqqa t’ghajn li agixxiet b' xi forma ta’ malizzja, frivolozita`, jew vessatorjeta` fil-hrug tal-mandat in ezami.

Illi dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta’ vessatorjeta` jimplika abbuz tad-dritt ta’ azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi: -

*“Il diritto cessa dove comincia l’abbuso … … riteniamo che basta, per prottegere tutti l interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano I bisogni della societa’, di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti”. Applikat dan il-principju ghad-dritt ta’ azzjoni kontra persuna jfisser illi “ chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo’ essere condannato a pagare un’ indemnita’ al suo avversario…..”.* (**Baudry -**

**Lacantinerie. - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obligazioni- Vol. VI. Pg.560.**

Illi tali abbuz gie ikkonsidrat fl-ambitu ta' talba ghad-danni u gie ritenut li jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (**"Emanuele Calleja vs Carmelo Grima"** - A.C. - XXXIX. I. 24) naxxenti minn *mala fede* jew *dolo* jew almenu negligenza gravament kolpuza **("Agius vs Dott. Carbone nomine"** - XIII. 434 - 10.4.1890), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju jkun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti *"priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a leggittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite".* (**"Mugliette vs Bezzina"** - *XXVI. I. 405).*

Ghalhekk anke din it-talba qed tigi michuda ghaliex hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt.

## III. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi **tilqa'** r-risposta tas-socjeta` intimata ezekutanti *Aquilo S.A.* u **tichad** it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti *World Match Limited* mressqa bir-rikors tal-istess tal-15 ta' April 2014 *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess socjeta` rikorrenti.

**Degretat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------